**225. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil Malta Football Association art f'Ta' Qali deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Ta' Qali kif deskritta aħjar fl-abbozzi ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-Malta Football Association għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

15.05.1985